MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 1445/2000/1

**Gasan Mamo Insurance Agency Limited bhala rapprezentatrici tas-socjeta' assikuratrici estera CGU Insurance p.l.c., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Balbi Gzira Rd., Malta**

**Vs**

**Paul Portelli**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fit-12 ta' Lulju, 2000, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi fl-1 ta' Marzu, 1998 f'*Tal-Barrani, Road,* limiti ta' *Haz-Zejtun* waqt li l-konvenut, *Paul Portelli* kien qed isuq il-vettura numru *EAA 104* huwa habat mall-vettura numru *JAA 988*, proprjeta' ta' *Anthony Balbi* u misjuqa minnu.

Ippremettiet illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut, *Paul Portelli,* u dana mhabba negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-Regolamenti tat-Traffiku u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ippremettiet illi b'konsegwenza ta' dan l-incident il-vettura ta' *Anthony Balbi,* li kienet assikurata garbet hsarat konsiderevoli u dana kif jidher mis-*Survey Report* hawn anness u mmarkata bhala Dok PP1.

Ippremettiet illi ghat-tiswija tal-vettura numru *JAA 988*, proprjeta' tal-assikurat ta' l-attur giet tammonta ghas-somma ta' elf, tlett mija u hmistax il-lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm 1315.82) liema ammont halset is-socjeta' attrici, li kif wkoll halset ghall-zewg *Surveys* ghoxrin lira Maltin (Lm 20.00) – halset wkoll b'ftehim u bla pregudizzju mall-assikurazzjoni tal-konvenut is-somma ta' mitejn, u tmienja u sittin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm 268.65) rapprezentanti nofs il-hsara ta' vettura ohra involuta f'dan l-incident – b'kollox ghalhekk is-socjeta' attrici halset is-somma ta' elf, sitt mija u erbgha liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm 1,604.47), li minnhom irid jitnaqqas l-excess ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm 25.00) u dana kollu kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza – ghalhekk is-socjeta' assikurattrici halset b'kollox elf, hames mija u disgha u sebghin liri Maltin u sebgha u erbghin (Lm 1579.47).

Ippremettiet illi l-konvenut interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici assikurattrici b'rizultat ta' l-incident imsemmi baqa' inadempienti kellha issir din il-kawza.

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident fuq insemmi li gara fil-limiti taz-*Zejtun fl-1 ta' Marzu, 1998* u ghad-danni li soffriet is-socjeta' attrici.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'rizultat ta' dan l-incident fl-ammont ta' elf, hames mija u disgha u sebghin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm 1579.47) jew somma ohra verjuri u jekk hemm bzonn bl-opra ta' Periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' ittra ufficjali tas-26 ta' April, 1999 (notifikata 29 ta' April, 1999) u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa imharrek ghas-subizzjoni u ghall-ispejjez ta' ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha huwa eccepixxa illi:

1. L-ewwel talba ghandha tigi michuda ghax ghall-incident stradali in kwistjoni kien jahti l-assikurat tas-socjeta' attrici.

2. Illi jsegwi, riferibilment ghat-tieni talba, li m'hemmx danni attrici x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjent.

3. Illi jizdied isegwi li m'hemmx ebda *quantum* li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici.

4. *Salvi* eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza kienet differita ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din il-kawza tikkoncerna incident tat-traffiku li sehh fl-1 ta' Marzu, 1998, fi *Triq tal-Barrani, Zejtun.* F'dan l-incident, kien hemm, tista' tghid, erba' vetturi nvoluti. Kien hemm vettura *Toyota Tercel* numru *JAA 998* misjuqa minn *Anthony Balbi,* assikurat mad-ditta attrici, u *Mercedes* numru *EAA 104* misjuqa mill-konvenut *Paul Portelli*; dawn it-tnejn habtu ma' xulxin, bir-rizultat li l-karozza *Toyota Tercel* habtet ma' vettura li kien hemm quddiemha, *Ford Sierra* numru *TFC 522,* misjuqa minn certu *Spiro Magro,* u din bid-daqqa li qalet minn wara giet imbutata u habtet ma' karozza ta' tip *Jeep* li kienet quddiema. Mhux kontestat li l-ahhar zewg vetturi msemmija ma kienu jahtu xejn ghall-incident, u l-kwistjoni hi bejn is-sewwieqa tat-*Toyota* u tal-*Mercedes*, peress li t-tnejn qed jitfghu l-htija fuq xulxin.

*Anthony Balbi, id-driver tat-Toyota,* jispjega li hu kien qed isuq fi *Triq tal-Barrani* fid-direzzjoni ta' *Birzebbuga* fil-*lane* ta' gewwa. Meta qabez il-*crossroad* li, fuq ix-xellug tieghu, tiehu ghaz-*Zejtun*, sab xarabank li kienet wieqfa quddiemu, *cioe'*, fuq il-*lane* tieghu tat-triq. Biex jevita dak il-*bus,* xeghel l-*indicator* u kiser lejn il-lemin biex dahal fil-*lane* l-ohra li ukoll tiehu t-traffiku lejn *Birzebbuga* (peress li t-*Triq tal-Barrani* hija *two-lane* iz-zewg direzzjonijiet). Meta dahal fil-*lane* l-ohra, saq ghal madwar sebghin pied, meta f'daqqa wahda giet il-*Mercedes* minn warajh (li kienet qed issuq fl-istess direzzjoni tieghu izda fuq il-*lane* ta' barra), dahlet go fih minn wara u mbutatu ghal gol karozza li kienet quddiemu.

Il-konvenut *Paul Portelli*, li kien qed isuq il-*Mercedes,* jghid li hu kien qed isuq fi *triq tal-Barrani* fid-direzzjoni ta' *Birzebbuga* fil-*lane* ta' barra (ta' mas-*central-strip*); fuq ix-xellug tieghu kien hemm *lane* ohra tat-traffiku, minn fejn kien gej *Anthony Balbi.* Dan, f'dik il-*lane*, sab quddiemu xarabank wieqfa, u biex jevitha, kiser f'daqqa wahda lejn il-lemin tieghu, gie quddiemu, u ghalkemm hu pprova jevitah, ma kienx hemm spazju bizzejjed u baqa' diehel fuq wara tieghu. Wara l-incident, is-sewwieq *Anthony*

*Balbi* baqa diehel f'karozza ohra li kienet quddiemu. Il-konvenut *Paul Portelli* jghid li dan *Anthony Balbi* kien qed isuq bi *speed* qawwi.

Minn dawn iz-zewg verzjonijiet, jirrizulta li kien il-konvenut li dahal fuq wara tal-vettura misjuqa minn *Anthony Balbi,* izda fil-waqt li *Anthony Balbi* jghid li hu kien dahal sew quddiem *Portelli* u dan dahal go fih ghax ma kienx attent fis-sewqan tieghu, il-konvenut *Paul Portelli* jghid li l-habta sehhet hekk kif is-sur *Balbi* kiser f'salt ghal quddiemu u hasdu.

Bhala principju, f'kaz ta' *"rear end collision"*, ir-responsabbilita' ghall-incident taqa' fuq is-sewwieq tal-karozza ta' wara, u kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Attard vs Abela", deciza fit-13 ta' Marzu, 1987, *"sewwieq li jkun qed isegwi karozza ohra ghandu dejjem izomm bizzejjed distanza bejnu u l-karozza ta' quddiemu biex jekk dan jieqaf f'salt ikollu bizzejjed zmien biex jieqaf hu wkoll".* Min-naha l-ohra, jekk id-*driver* tal-vettura fuq wara nhassad meta l-karozza l-ohra issorpassatu u giet ezatt quddiemu, dak ta' wara ma jistax jitqies responsabbli ghall-incident. *Driver* li jkun fuq *lane* wahda ta' triq jista', skond ic-cirkustanzi, ibiddel *lanes,* izda hu jrid joqghod attent biex jevita l-kollizzjoni ghax hu qed ifixkel it-traffiku, u ghandu jidhol fil-*lane* l-ohra biss wara li juza l-massima kawtela; sewwieq li jkun qed isuq ghad-dritt fuq il-*lane* tieghu, izda li jsib it-triq tieghu ostakolata meta, f'daqqa wahda, karozza ohra daret ghal quddiemu, ma jkunx responsabbli ghall-incident li jsehh jekk jidhol f'dik il-karozza li giet quddiemu f'salt (ara per ezempju, is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili tal-Magistrati fil-kawza "Cassar Galea noe vs Callus", deciza fis-17 ta' Ottubru, 1990).

*Kwindi*, dak li jrid jigi determinat f'din il-kawza huwa jekk il-konvenut baqax diehel fuq wara tal-karozza misjuqa min *Anthony Balbi* meta dan, f'daqqa wahda, kiser ghal quddiemu (kif jallega l-konvenut), jew meta l-karozza l-ohra misjuqa min *Anthony Balbi* kienet gia, ghal certu distanza, tokkupa l-pozizzjoni quddiemu (kif jallega *Anthony Balbi*).

Apparti l-verzjonijiet tal-partijiet f'din il-kawza hemm ix-xhieda tad-*driver* tal-*Ford Sierra,* li go fiha dahlet il-karozza ta' *Anthony Balbi* wara li habtet mal-*Mercedes* tal-konvenut. Dan ra l-incident isehh warajh. Hu ra l-karozza ta' s-*Sur Balbi* gejja bi *speed* qawwi minn warajh, u qies wkoll li din isswervjat ghal quddiem il-Mercedes, habtet maghha u wara baqghet diehla go fih. Dan ix-xhud, *Spiro Magro,* innota li l-*Mercedes* kellha hsarat fil-gnub taghha. Il-mara ta' dan *Spiro Magro, Sarah Magro*, wkoll innottat l-karozza tas-*Sur Balbi* tinstaq bi speed qawwi warajhom. F'ebda hin dawn ix-xhieda, il-mizzewgin *Magro* (li l-Qorti li semghethom tqieshom affidabbli), ma osservaw lill-karozza tas-*Sur Balbi* issuq bil-mod warajhom u tigi mbutata ghal go fihom b'daqqa ta' karozza ohra; huma raw lil dik il-vettura tinstaq bi *speed* qawwi ghal go fihom. Is-*Sur Balbi* jghid li hu saq ghal madwar sebghin pied wara l-karozza ta' quddiemu, qabel ma gie mbutat ghal go fiha: din ix-xhieda, *pero'*, hi kontradetta b'dak li qalu li raw il-koppja *Magro.*

Il-Qorti, wara li qieset ic-cirkustanzi tal-kaz u l-isfond tat-triq fejn sehh l-incident, hija inklinata aktar li taccetta l-versjoni tal-konvenut ta' kif sehh l-incident. Jirrizulta minn xhieda ta' terzi li l-assikurat tas-socjeta' attrici, s-*Sur Balbi,* kien qed isuq bi *speed* qawwi hafna, meta fil-*lane* tieghu sab xarabank wieqfa. Peress li kien qed isuq bi speed, ma setax jieqaf wara x-xarabank u jbiddel il-*lane* biss wara li jkun accerta ruhu li ma jkun gej xejn minn warajh, u allura, f'salt wiehed, kiser lejn il-lemin tieghu, u gie quddiem il-konvenut. Huwa u jikser lejn il-lemin, laqat fil-genb il-vettura tal-konvenut u baqa' jsuq 'l quddiem sakemm habat mal-karozza tal-konjugi *Magro.* Il-konvenut ipprova ma jibqax diehel fil-karozza tas-*Sur Balbi*, u kisser lejn il-lemin tieghu; *pero'*, ma kellux spazju bizzejjed u laqat il-vettura tas-*Sur Balbi* fuq wara frontali u fuq il-genb lemini ta' wara, kif jidher konfermat fis-*survey* maghmul minn *Joseph Buttigieg.* Din il-Qorti hija konvinta li l-incident sehh konsegwenza tas-sewqan azzardat u bi speed tas-*Sur Anthony Balbi*, assigurat mas-socjeta' attrici.

L-opra ta’ massima awtorita’ Ingliza, “Bingham and Berryman’s Motor Claims Cases” (Butterworths, 11th Edit. Pag. 335), jikkwota s-segwenti sentenza f’sitwazzjoni simili:

*“The defendant was driving her Ford Sierra in a slow moving line of traffic held up by temporary traffic signals. The plaintiff was riding a motorcycle in the same direction, overtaking the slow moving traffic. The defendant reached Godwin Way, a junction to her offside, into which she wished to turn. She signalled her intention, failed to see the motorcycle approaching from the rear, turned and the collision occurred.*

*The defendant’s case was that she was positioned at the crown of the road, clear of the line of traffic and visible to the plaintiff. The plaintiff alleged that the defendant commenced her turn from within the line of traffic and so was unable to see her indicator until the turn had commenced.*

*In the face of this and other conflicting witness accounts, the judge found the defendant’s vehicle had not moved into a position clear of the line of traffic or otherwise to enable the motorcyclist to see her flashing indicator before she commenced the turn… The defendant was negligent for failing to see the plaintiff’s approach.*

*Hillman vs Tompkins: 22nd February, 1995”*

F’dik il-kawza, id-*driver* tal-mutar instab responsabbli in parte hu wkoll peress li kien qed jaghmel manuvra ta’ sorpass vicin *junction.* Fil-kaz meritu ta’ din il-kawza, il-konvenut ma kien qed jaghmel ebda manuvra simili; hu kien qed isuq ghad-dritt meta, f’daqqa wahda, il-vettura fuq ix-xellug tieghu kisret bi *speed* qawwi ghal go fih u quddiemu. Anke jekk s-*Sur Balbi* xeghel l-*indicator* (kif jghid li ghamel), dan kellu jaghmlu *“in good time”* u mhux fl-istess waqt li jaghmel il-manuvra ta’ *“change of direction”*. Kif inhu risaput, l-*indicator* ma jaghti ebda brevett ta’ immunita’ lis-sewwieq tal-karozza li jixghelu, li xorta wahda jibqghalu obbligu li jhares sew warajh u ma

jaqlibx direzzjoni qabel ma jassigura ruhu li l-*indicator* gie innotat u jista' jaghmel il-manuvra bla ma jfixkel utenti ohra tat-triq. Kif qalet il-Qorti Civili tal-Magistrati fil-kawza "Micallef vs Orland", deciza fil-5 ta' Mejju, 1997, min jixhel l-*indicator*, ma jfissirx li dan jista' jwettaq l-intenzjoni li jdur kif u meta jfettillu; hu ghandu jaccerta ruhu li s-sinjal wasal ghand is-sewwieqa l-ohra u li dawn fehmu l-intenzjoni tieghu.

Din il-Qorti, kif inghad mhiex konvinta li *Anthony Balbi* kien ghamel *"a reasonable prior entry"* fil-*lane* li fiha kien qed isuq il-konvenut, u tqies li kien hu li, habta u sabta, dahal quddiem il-konvenut, hasdu u ostakolu t-triq. *Kwindi*, ma ssib ebda tort fis-sewqan tal-konvenut ghall-incident in kwistjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------